TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 80/17/F

**Anna Caruana Scicluna**

**vs**

**Britannia Services Ltd.**

Illum 24 t'Ottubru, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-9 ta' Mejju, 2017 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' erba' mitt ewro (€400), rappreżentanti vjaġġ lejn l-Awstrija fil-Milied li kellu ħafna problemi.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi hija kienet ibbukjat vjaġġ lejn l-Austria għall-Milied mas-soċjeta' ntimata u fost il-problemi li sabet kien hemm il-fatt illi l-kamra kienet medjokri ħafna, u l-kamra tal-banju kienet f'kundizzjoni ħażina ħafna, u l-ikel ma kienx tajjeb assolut. Ukoll fil-Gala Night kien hemm problemi u l-excursions kienu ta' kwalita' inferjuri.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi taċċetta li kien hemm xi problemi u offrew kumpens ta' mitejn ewro (€200) biex jagħlaq il-każ.

It-Tribunal jinnota li meta xi ħadd imur għal btala għandu jkollu vaganza tajba u mhux mimlija bl-ilmenti, pero' l-vjaġġ għamluh u huwa minnu li l-hotel kien ta' ċertu kwalita' inferjuri.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tliet mitt ewro (€300), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888